

Brussell, 30 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

16100/23

FISC 275  
ECOFIN 1294

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|                  |  |
|------------------|--|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill   |
| lil:             | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill  |
| Nru. dok. preċ.: | 15502/23   |
| Suġġett:         | Abbozz ta' Rapport tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa<br>- Approvazzjoni |

---

1. Il-Kunsill Ecofin ġie mistieden jirrapporta lill-Kunsill Ewropew dwar diversi kwistjonijiet ta' taxxa kif jissemmew, b'mod partikolari fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu u Ġunju 2012, Mejju 2013, Diċembru 2014 u Ottubru 2017.
2. Fit-23 ta' Novembru 2023 il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) ħejja u approva abbozz ta' rapport tal-Ecofin dwar kwistjonijiet ta' taxxa għall-Kunsill Ewropew, biex jiġi ppreżentat lill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2023. Ġie maqbul ukoll li l-aġġornamenti fattwali tas-soltu (il-partijiet fil-parentesi kwadri) ser isiru mis-SĠK wara l-laqgħa tal-Kunsill qabel ma toħroġ il-verżjoni finali tar-rapport.
3. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill (Ecofin) japprova r-rapport kif jinsab fl-Anness bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu bil-ħsieb li jintbagħat lill-Kunsill Ewropew (14-15 ta' Diċembru 2023).

**ABBOZZ TA' RAPPORT TAL-ECOFIN LILL-KUNSILL EWROPEW DWAR  
KWISTJONIJIET TA' TAXXA**

**A. INTRODUZZJONI**

1. Dan ir-rapport tal-Kunsill jipprovdi ħarsa ġenerali tal-progress miksub fil-Kunsill matul il-mandat tal-Presidenza Spanjola, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-aktar fajls importanti li qed jiġu nnegożjati fil-qasam tat-tassazzjoni. Ir-rapport tħejja abbażi ta' diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) (HLWP) li koprew kwistjonijiet tal-politika tat-tassazzjoni orizzontali ta' rilevanza strateġika, f'konformità mal-mandat tiegħu.
2. Dan ir-rapport jirrifletti s-sitwazzjoni attwali tal-ħidma rilevanti tal-Kunsill u jkopri kwistjonijiet imsemmija f'diversi konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew mill-2012 'l hawn<sup>1</sup>, id-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021<sup>2</sup>, il-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tal-VAT tal-2012<sup>3</sup> u tal-2016<sup>4</sup>, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali" tal-2017<sup>5</sup>, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar l-evoluzzjoni futura tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni fl-UE<sup>6</sup>, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2020 dwar tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar sfidi fil-qasam tat-taxxa b'rabta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha<sup>7</sup>.
3. Il-Presidenza Spanjola stabbiliet, bħala prijoritajiet fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni, il-progress fil-qafas tat-tassazzjoni internazzjonali l-ġdid u l-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa permezz tat-tishiĥ tal-miżuri kontra l-frodi u kontra l-evitar tat-taxxa u, b'mod partikolari:
  - l-indirizzar ta' entitajiet mingħajr sustanza jew b'sustanza minima stabbiliti fl-Istati Membri bl-oġġettiv ewlieni li jiksbu vantaġġ tat-taxxa billi jimminaw il-bażi għat-taxxa ta' Stati Membri oħra;

---

<sup>1</sup> Dokumenti EUCO 4/3/12 REV 3 (punti 9 u 21), EUCO 76/12, EUCO 75/1/13 REV 1, EUCO 14/17 (punt 11), EUCO 10/20 (punti A29 u 147) u EUCO 13/20.

<sup>2</sup> Dokument ST 18/21.

<sup>3</sup> Dokument ST 9586/12.

<sup>4</sup> Dokument ST 9494/16.

<sup>5</sup> Dokument ST 15175/17.

<sup>6</sup> Dokument ST 8482/20.

<sup>7</sup> Dokument ST 13350/20.

- jittieħed vantaġġ mit-tranżizzjoni diġitali biex tiġi evitata l-frodi tal-VAT u jiġu appoġġati n-negozji tal-UE;
- l-iżvilupp ta' proċedura aktar effiċjenti għall-ġestjoni tat-tassazzjoni minn ras il-ġhajn; u
- it-tiġid tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istati Membri u l-promozzjoni tal-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa.

4. Il-Presidenza Spanjola wriet il-prijorità għolja mogħtija lill-qasam tat-tassazzjoni bl-organizzazzjoni ta' 24 laqgħa ta' ġurnata sħiħa u erba' laqgħat ta' nofstanhar tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ), żewġ laqgħat ta' ġurnata sħiħa u laqgħa ta' nofstanhar tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta u żewġ laqgħat ta' nofstanhar tal-Kunsillieri/Attachés Fiskali. Il-ħidma fuq il-fajls pendenti kollha ġiet segwita, inkluż l-emendar tad-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva għal finijiet ta' taxxa, il-proposti inklużi fil-pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali", il-proposta dwar ħelsien aktar rapidu u aktar sikur mit-taxxi eċċessivi fras il-ġhajn (FASTER), il-proposta għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' kumpaniji fittizji għal finijiet ta' taxxa (UNSHELL), proposti għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Sistema ta' Taxxa tal-Uffiċċju Reġistrat għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (HOT), Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment u Direttiva tal-Kunsill dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjt (BEFIT), l-aġġornament tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif ukoll ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

5. B'mod aktar speċifiku, il-Kunsill:

- a) ħa kont tal-progress fin-negozjati dwar is-Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija mill-Qafas Inklużiv dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitt (BEPS) tal-OECD/G20 u approva dikjarazzjoni dwar dan is-suġġett;
- b) adotta pożizzjoni f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha dwar il-kooperazzjoni fiskali fin-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-konklużjonijiet tar-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ppubblikat fit-8 ta' Awwissu 2023;
- c) adotta d-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE (DAC8);
- d) għamel progress sostanzjali lejn ftehim dwar id-Direttiva tal-Kunsill dwar ħelsien aktar rapidu u aktar sikur mit-taxxi fras il-ġhajn eċċessivi;

- e) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali";
  - f) avvanza n-negozjati tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' kumpaniji fittizji għal finijiet ta' taxxa permezz tal-analiżi ta' diversi approċċi ġodda bil-ħsieb li jgħib flimkien il-fehmiet diverġenti dwar partijiet importanti tal-proposta;
  - g) għamel progress fir-rigward tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirristruttura l-qafas tal-Unjoni dwar tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni); u
  - h) beda l-eżami tal-proposti għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (HOT), Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment u Direttiva tal-Kunsill dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjt (BEFIT).
6. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) kompli ulterjorment ukoll il-ħidma tiegħu fuq id-diversi kwistjonijiet li jaqgħu fil-mandat attwali tiegħu, inkluż fuq il-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif stipulat fir-rapport ta' kull sitt xhur tiegħu<sup>8</sup>. L-aktar aġġornament reċenti tal-lista tal-UE sar mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2023<sup>9</sup>.
7. Informazzjoni aktar dettaljata dwar id-dossiers individwali tinsab hawn taħt.

---

<sup>8</sup> Dok. ST 15757/23 + ADD 1-12.

<sup>9</sup> ĠU C, 23.10.2023, C/2023/437.

## **B. LEĠIŻLAZZJONI TAL-UE DWAR IT-TAXXA**

### **1) Tassazzjoni Diretta**

#### *a) FASTER*

8. Fid-19 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ħelsien aktar rapidu u aktar sikur mit-taxxi eċċessivi fras il-għajn ("FASTER")<sup>10</sup>. Din il-proposta għandha l-għan li tintroduċi, madwar l-UE, proċeduri aktar effiċjenti (u armonizzati) li jikkonċernaw każijiet transfruntiera ta' ħelsien mit-taxxi fras il-għajn li l-Istati Membri jimponu fuq l-introjtu miż-żamma ta' titoli nnegożjati pubblikament (dividendi fuq ekwitajiet u imgħax fuq bonds). Permezz ta' reġistru obbligatorju u obbligi standardizzati ta' rappurtar ta' intermedjarji finanzjarji kbar, kif ukoll permezz ta' proċeduri armonizzati ta' ħelsien mit-taxxa u ċertifikat diġitali ta' residenza fiskali tal-UE għall-kontribwenti (investituri) ikkonċernati, jitfittex objettiv doppju: l-appoġġ għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali billi jiġi ffaċilitat l-investiment transfruntier, u tiġi żgurata l-ġustizzja fiskali billi jiġu evitati l-evażjoni tat-taxxa u l-abbuż f'dan il-qasam.
9. Il-Presidenza Spanjola tat lil din il-proposta leġiżlattiva livell għoli ta' prijorità u għamlet progress tekniku tajjeb fil-livell tad-WPTQ (saru sitt laqgħat tad-WPTQ u ġew diskussi erba' testi ta' kompromess).
10. L-analiżi teknika ta' din il-proposta leġiżlattiva u d-diskussjonijiet mal-Istati Membri wrew li t-test inizjali propost mill-Kummissjoni kellu jiġi aġġustat, qabel ma seta' jiġi ppreżentat lill-Kunsill għal qbil. Għalhekk il-Presidenza Spanjola għamlet għadd ta' emendi għat-test, b'mod partikolari:
- adattat ir-regoli applikabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat diġitali ta' residenza fiskali;
  - inkludiet dispożizzjonijiet li jippermettu lill-intermedjarji finanzjarji ċertifikati jassumu l-pożizzjoni ta' intermedjarji mhux iċċertifikati, sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-ħelsien u jikkompletaw l-informazzjoni li trid tiġi rapportata lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa;
  - saħħet l-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi rapportata minn intermedjarji finanzjarji ċertifikati u speċifikat għadd ta' dispożizzjonijiet relatati oħra;
  - iċċarat il-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw it-talbiet għal rifużjoni rapida, sabiex jitnaqqsu l-possibiltajiet għal talbiet frodulenti;

---

<sup>10</sup> Dok. ST 10820/23 + ADD 1-5.

- żiedet dispożizzjonijiet speċjali li jirregolaw il-każijiet relatati ma' investimenti indiretti; u
  - speċifikat aktar id-dispożizzjonijiet dwar l-imgħax ta' inadempjenza, l-obbligazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali u dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva futura.
11. Waħda mill-kwistjonijiet prinċipali f'dawn in-negozjati hija talba minn għadd ta' Stati Membri biex tinżamm il-possibbiltà li jżommu s-sistemi attwali tagħhom ta' ħelsien mit-taxxa fras l-għajn. Sabiex isir aktar progress fir-rigward tal-kwistjoni, il-Presidenza pproponiet li tipprevedi tali possibbiltà, taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Suġġett ieħor li tqajjem minn delegazzjoni waħda kien li l-istabbiliment tar-reġistru tal-intermedjarji finanzjarji u l-obbligi ta' rapportar ikunu volontarji għall-Istati Membri.
  12. Saret diskussjoni ta' orjentazzjoni ġenerali dwar dan il-fajl fil-laqqgħa tad-WPTQ (Livell Għoli) fit-23 ta' Novembru. Deher ċar li sar progress sostanzjali u, b'mod partikolari, id-dispożizzjoni dwar iċ-ċertifikat elettroniku ta' residenza tat-taxxa kienet appoġġata b'mod wiesa'. Madankollu, hija meħtieġa aktar ħidma teknika qabel ma l-fajl ikun jista' jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni ta' approċċ ġenerali.

*b) Użu ħażin ta' entitajiet fittizji*

13. Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE (il-proposta "Unshell")<sup>11</sup>.
14. L-objettiv tal-proposta huwa li tipprevjeni l-evitar u l-evazzjoni tat-taxxa permezz ta' azzjonijiet minn impriżi mingħajr sustanza minima, u ttejjeb il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-proposta għandha l-għan li tiġġieled kontra l-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet tat-taxxa mhux xierqa u li tiżgura li l-kumpaniji fittizji fl-UE li ma jkollhom l-ebda attività ekonomika jew li jkollhom attività ekonomika minima ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-vantaġġi fiskali.
15. Fis-6 ta' Jannar 2022, fl-HLWP, il-proposta ġiet ippreżentata lid-delegazzjonijiet u l-Presidenza Franċiża ħabbret l-intenzjoni tagħha li tniedi d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar dan il-fajl. L-ewwel ċiklu ta' analiżi artikolu b'artikolu tal-proposta tlesta fit-23 ta' Mejju matul il-Presidenza Franċiża.

---

<sup>11</sup> Dokument ST 15296/21.

16. Taħt il-Presidenza Ċeka, sar progress fl-esplorazzjoni tat-triq 'il quddiem fir-rigward tal-konsegwenzi tat-taxxa u ġew ippreżentati testi ta' kompromess dwar partijiet mill-proposta, bħall-identifikazzjoni ta' entitajiet li ma għandhomx sustanza minima kif ukoll dwar l-iskambju ta' informazzjoni. Bħala prinċipju, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw l-oġġettivi tal-proposta, iżda kienu tal-fehma li tkun meħtieġa aktar ħidma teknika importanti qabel ma ftehim ikun fattibbli.
17. Taħt il-Presidenza Żvediża, sar progress fuq għadd ta' kwistjonijiet kontroversjali, bħall-kamp ta' applikazzjoni, il-kriterji ta' sustanza minima, il-konsegwenzi tat-taxxa u ċ-ċertifikat ta' residenza fiskali. L-HLWP ipprovda gwida għal aktar ħidma fuq dawn il-kwistjonijiet kif ukoll kwistjonijiet pendenti oħra. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw l-interkonnessjonijiet bejn partijiet differenti ta' din id-Direttiva kumplessa, li jfisser li orjentazzjoni magħżula f'parti waħda tad-Direttiva tista' tinfluwenza s-soluzzjoni f'partijiet oħra.
18. Il-Presidenza Spanjola kompliet il-ħidma fuq dan il-fajl, li ġie diskuss fid-WPTQ fl-4 ta' Lulju u l-5 ta' Settembru u fl-HLWP fl-4 ta' Ottubru u t-23 ta' Novembru. Fil-Grupp ta' Ħidma ta' Lulju ġew diskussi l-kwistjonijiet li ġejjin: konsegwenzi fiskali, rabtiet mal-leġiżlazzjoni domestika kontra l-abbuż, entitajiet esklużi, sustanza minima, suppożizzjoni konfutabbli u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, iċ-ċertifikat dwar ir-residenza fiskali u l-iskambju tal-informazzjoni. Abbażi tal-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet u abbażi tal-progress li sar matul il-Presidenzi preċedenti, f'Settembru l-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess li jkopri l-abbozz kollu tad-Direttiva. Fir-rigward ta' dan it-test, id-delegazzjonijiet esprimew fehmiet diverġenti li żammewhom milli jilhqg qbil u, bħala alternattiva, issuġġerew approċċ f'żewġ stadji. Dan l-approċċ kien jikkonsisti fl-ewwel stadju fejn id-Direttiva tkun tinkludi skambju awtomatiku ta' informazzjoni bbażat fuq għadd ta' karatteristiċi distintivi miftiehma, li jseħħ flimkien mal-applikazzjoni ta' konsegwenzi fiskali domestiċi, fejn jitqies xieraq. Fit-tieni stadju, jiġu skambjati l-aħjar Prattiki dwar l-użu ta' dik l-informazzjoni biex jiġu applikati l-konsegwenzi tat-taxxa fost l-Istati Membri. Barra minn hekk, ġie ssuġġerit li wara evalwazzjoni ta' dawn il-prattiki tista' titnieda proposta ġdida fil-futur, jekk ikun xieraq.

19. F'Ottubru, il-Presidenza staqsiet fl-HLWP jekk id-delegazzjonijiet jixtiqix ikomplu jaħdmu fuq it-test ta' kompromess jew jistgħu jqisu l-approċċ f'żewġ stadji. Għalkemm il-prinċipju ta' approċċ f'żewġ stadji kien appoġġat sa ċertu punt, diversi delegazzjonijiet qiesu li l-kwistjonijiet pendenti prinċipali ma jgħux solvuti b'dan l-approċċ u għadd ta' delegazzjonijiet qiesu li jista' jkun jeħtieġ analiżi ulterjuri. Matul dik il-laqgħa, il-Kummissjoni ssuġġeriet triq 'l quddiem alternattiva li tista' tkun ibbażata fuq approċċ standard minimu u sett ta' għodod ta' konsegwenzi. B'kont meħud li ser ikollha ssir aktar ħidma teknika rigward l-approċċ f'żewġ stadji, il-Presidenza ppreżentat proposta lill-HLWP ta' Novembru bbażata fuq is-suġġerimenti magħmula mill-Kummissjoni sabiex jiġi vverifikat jekk din tistax tkun triq alternattiva aċċettabbli 'l quddiem. Madankollu, ma kien hemm l-ebda qbil possibbli dwar din il-proposta l-għdida li jkun aċċettabbli għal kulħadd, għalhekk ser ikunu meħtieġa aktar diskussjonijiet sabiex jinstabu soluzzjonijiet ta' kompromess dwar kwistjonijiet pendenti.

*c) Proposti għal direttivi tal-Kunsill dwar il-BEFIT, dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment u dwar is-Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali*

20. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet tliet proposti leġiżlattivi ġodda importanti għal direttivi tal-Kunsill fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva:

- proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT),<sup>12</sup> li l-objettiv ewlieni tiegħu huwa li jiġi żviluppat qafas komuni tat-taxxa korporattiva għall-kumpaniji multinazzjonali kbar fl-UE. Minħabba li pproponiet il-BEFIT, il-Kummissjoni rtirat il-proposti dwar Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva (il-BKTK/BKKTK), li kienu fuq il-mejda tal-Kunsill mill-2016 u li kienu ġew sospiżi minħabba n-negozjati globali dwar ir-Riforma b'Żewġ Pilastri (fil-qafas tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS);

---

<sup>12</sup> Dok. ST 12965/23 + ADD 1-3.

- proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment,<sup>13</sup> li essenzjalment għandha l-għan li tintegra fil-liġi tal-UE prinċipji u regoli ewlenin tal-ipprezzar ta' trasferiment, li huma maqbula fil-qafas tal-OECD, u toħloq ukoll il-possibbiltà li jiġu stabbiliti, fl-Unjoni, regoli vinkolanti komuni dwar kif il-prinċipju ta' distakkament għandu jiġi applikat għal tranżazzjonijiet speċifiċi;
- proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali (HOT) għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju awtonomi,<sup>14</sup> li għandha l-għan li tissimplifika l-konformità fiskali korporattiva għall-kumpaniji mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jiddeċiedu li joperaw b'mod transfruntier fl-UE. Il-Kummissjoni essenzjalment tipproponi li l-SMEs li għandhom stabbiliment permanenti tal-anqas fi Stat Membru ("ospitanti"), jistgħu volontarjament ikomplu japplikaw ir-regoli tat-taxxa li huma familjari magħhom (tal-Istat Membru "tad-domiċilju"), u jistgħu jikkalkulaw u jirrapportaw ir-risultat taxxabli tal-istabbiliment permanenti tagħhom fi Stat Membru ieħor ("ospitanti") lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru "tad-domiċilju". Dan tal-aħħar imbagħad japplika r-rata tat-taxxa tal-Istati Membri "ospitanti" mar-risultat taxxabli u jiġbor it-taxxa korporattiva dovuta mill-istabbiliment permanenti qabel ma jittrasferixxi d-dħul li jirriżulta lill-Istati Membri ospitanti rispettivi. Din is-sistema tista' tnaqqas il-kostijiet tal-konformità, jinkoraġġixxi l-espansjoni transfruntiera tal-SMEs u jikkontribwixxi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipazzjoni tal-SMEs fis-suq intern.

21. L-Istati Membri bdew l-analiżi ta' dawn it-tliet proposti u l-ħidma teknika fir-rigward tagħhom fil-livell tad-WPTQ. Saru tliet laqgħat tad-WPTQ rigward din il-kwistjoni.

---

<sup>13</sup> Dok. 12954/23 + ADD1.

<sup>14</sup> Dok. 12951/23 + ADD 1-5.

*d) Direttiva dwar it-tassazzjoni minima globali (Pilastru 2) u n-negozjati fil-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS dwar ir-Riforma b'Żewġ Pilastri*

22. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni ("Id-Direttiva dwar il-Pilastru 2")<sup>15</sup> jenħtieġ tiġi trasposta mill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2023.
23. F'Lulju 2023, tħabbar aktar progress fir-rigward tal-elementi li fadal tar-Riforma b'Żewġ Pilastri mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, kif imniżżel fid-Dikjarazzjoni tagħha dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija. Fir-rigward tal-Pilastru 2, fit-13 ta' Lulju 2023, il-Qafas Inklużiv adotta pakkett ta' dokumenti li kien jinkludi qbil dwar il-punti ta' data tad-Dikjarazzjoni tal-Infommazzjoni dwar il-GloBE u gwida amministrattiva ulterjuri, b'mod partikolari inkluż żewġ portijiet sikuri ġodda. Il-Kunsill (Ecofin) ġie aġġornat (fl-14 ta' Lulju 2023) mill-Presidenza dwar dawn il-kwistjonijiet<sup>16</sup>.
24. Sal-lum, sar aktar progress fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, f'konformità mal-iskeda ta' żmien riveduta. Fir-rigward tal-Pilastru 2, l-istrument multilaterali dwar ir-"regola soġġett għat-taxxa" (STTR) sar disponibbli għall-iffirmar mit-2 ta' Ottubru 2023. Dan l-istrument, flimkien ma' negozjati bilaterali, ser jippermetti lill-pajjiżi jimplimentaw b'mod effiċjenti l-STTR fit-trattati bilaterali eżistenti dwar it-taxxa. Qed isir progress ukoll fl-aspetti li fadal taż-żewġ elementi kostitwenti (Ammont A u Ammont B) tal-Pilastru 1, u l-Konvenzjoni Multilaterali li ser timplimenta b'mod partikolari l-Ammont A. Id-delegazzjonijiet qed jiġu infurmati regolarment fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) dwar is-sitwazzjoni attwali f'dawn in-negozjati.
25. Fil-kuntest tal-ħidma li għaddejja u l-kuntatti bilaterali fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, il-Presidenza ssuġġeriet li l-Istati Membri jiddiskutu l-possibbiltà li l-Kunsill (Ecofin) jikkonferma mill-ġdid l-appoġġ politiku tiegħu għas-soluzzjoni b'Żewġ Pilastri, peress li dawn in-negozjati qed jidħlu fl-istadji finali tagħhom.

---

<sup>15</sup> ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1.

<sup>16</sup> Ara d-dok. 11223/23.

26. Wara l-laqgħa tal-Kunsillieri/Attachés Fiskali fit-13 ta' Ottubru 2023 u kuntatti bilaterali ulterjuri, kif ukoll il-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) fil-31 ta' Ottubru, il-Kunsill fid-9 ta' Novembru 2023 approva d-dikjarazzjoni, fejn, fost punti oħra, huwa laqa' u appoġġa l-qbil milħuq mill-Qafas Inklużiv dwar il-kjarifiki rigward l-applikazzjoni tal-Pilastru 2 li jinsabu fil-gwida amministrattiva approvata mill-Qafas Inklużiv f'Diċembru 2022, fi Frar 2023 u f'Lulju 2023 – inkluż ir-Regola tranżizzjonali dwar il-Profitti Sottotaxxati u l-Portijiet Sikuri Nazzjonali kwalifikati fir-rigward tat-Taxxa Komplementari Minima, il-gwida l-ġdida dwar il-Kreditu tat-Taxxa Trasferibbli, kif ukoll il-Port Sikur tranżizzjonali għar-Rappurtar Pajjiż b'Pajjiż u d-Dikjarazzjoni tal-Infurmazzjoni dwar il-GloBE. Il-Kummissjoni għamlet ukoll dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill, fejn indikat b'mod partikolari l-fehma tagħha li l-gwida amministrattiva approvata mill-Qafas Inklużiv f'Diċembru 2022, fi Frar 2023 u f'Lulju 2023 hija kompatibbli mad-Direttiva dwar il-Pilastru 2<sup>17</sup>.

## 2) **Tassazzjoni Indiretta**

### a) Il-VAT fl-Era Diġitali

27. Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ħarġet il-pakkett tagħha "Regoli tal-VAT għall-era diġitali", li fih tliet proposti:

- proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali<sup>18</sup>;
- proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali<sup>19</sup>; u
- proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' infurmazzjoni għal ċert skemi tal-VAT<sup>20</sup>.

---

<sup>17</sup> Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1).

<sup>18</sup> Dokument ST 15841/22.

<sup>19</sup> Dokument ST 15842/22.

<sup>20</sup> Dokument ST 15843/22.

28. Il-pakkett għandu tliet objettivi. L-ewwel nett, għandu l-għan li jimmodernizza l-obbligi ta' rapportar tal-VAT billi jintroduċi rekwiżiti ta' rapportar diġitali bbażati fuq il-fatturazzjoni elettronika. It-tieni, beħsiebu jindirizza l-isfidi tal-ekonomija tal-pjattaformi billi jaġġorna r-regoli applikabbli tal-VAT. U t-tielet, għandu l-għan li jindirizza l-piż amministrattiv billi jimxi lejn reġistrazzjoni unika tal-VAT.
29. Il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett tagħha f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma taħt il-Presidenza Ċeka, u l-Presidenza Żvediża bdiet il-ħidma tagħha fir-rigward tal-pakkett, inkluż testi ta' kompromess dwar it-tliet aspetti kollha tal-proposti, li ntlagħu tajjeb mid-delegazzjonijiet bħala bażi soda għal aktar ħidma.
30. Biex imexxi ulterjorment il-ħidma fuq dan il-fajl, fis-16 ta' Ġunju 2023 il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposti, li tħejja mill-HLWP fl-1 ta' Ġunju 2023. Fid-dibattitu, il-Ministri laqgħu tajjeb b'mod ġenerali l-linji ġenerali tal-proposti tal-Kummissjoni u l-progress li sar taħt il-Presidenza Żvediża. Ħafna ministri talbu wkoll flessibilità dwar l-oqfsa ta' rapportar diġitali domestiċi kif ukoll aktar ħidma dwar il-forma eżatta tar-rwol imsaħħaħ tal-pjattaformi fil-ġbir tal-VAT fil-qasam tal-kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir u s-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri.
31. Filwaqt li l-Presidenza Spanjola kompliet il-ħidma fuq it-tliet partijiet kollha tal-pakkett, il-progress kien l-aktar tanġibbli fir-rigward tal-ekonomija tal-pjattaformi u r-reġistrazzjoni unika tal-VAT.
32. Dwar il-partijiet relatati mar-reġistrazzjoni unika tal-VAT, il-Presidenza akkomodat it-tħassib ta' ħafna delegazzjonijiet billi neħħiet il-partijiet tal-proposta relatati mal-estensjoni tad-dispożizzjoni dwar il-fornitur preżunt u max-xogħlijiet tal-arti u l-oġġetti użati. Il-karatteristika l-ġdida relatata ma' punt uniku ta' servizz obligatorju għall-importazzjoni ġiet posposta biex tiġi diskussa fir-rigward tal-aspetti tal-VAT tar-riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, anke minħabba oġġezzjonijiet għall-użu obligatorju tal-IOSS minn diversi Stati Membri, kif ukoll il-proposta minn uħud minnhom biex jiġu esplorati soluzzjonijiet alternattivi.

33. Għan-naħa relatata mal-pjattaformi, il-Presidenza segwiet strateġija biex tirrikonċilja l-pożizzjoni tad-delegazzjonijiet mad-dubji fir-rigward tar-regola tal-fornitur preżunt jew tfittex aktar flessibbiltà fir-rigward tal-kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir u s-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u dawk li qed jippruvaw jimminimizzaw il-frammentazzjoni fis-suq intern. Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri jappoġġaw l-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza, xi delegazzjonijiet ma setgħux jappoġġawh u xi wħud issuġġerew applikazzjoni fakultattiva tar-regola tal-fornitur preżunt, bi ftit minnhom jissuġġerixxu s-sostituzzjoni tar-regola tal-fornitur preżunt b'obbligi ta' rappurtar.
34. Il-fajl ġie diskuss fi tmien laqgħat tad-WPTQ li saru f'Lulju, Settembru, Ottubru u Novembru kif ukoll f'żewġ laqgħat tal-HLWP li saru f'Lulju u f'Novembru. Il-progress dettaljat dwar il-pakkett huwa spjegat aktar fir-rapport ta' progress ST 15877/23.

b) Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD)

35. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirrifirma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)<sup>21</sup>, ("il-proposta tal-ETD").
36. Il-proposta tal-ETD hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" <sup>22</sup>, li għandu l-għan li jimplimenta l-miri ambizzjużi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-pakkett huwa magħmul minn proposti interkonnessi, li kollha għandhom l-istess għan li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, kompetittiva u ekoloġika sal-2030 u lil hinn.
37. Il-proposta tal-ETD għandha l-għan li tilħaq l-objettivi li ġejjin:
- a) il-forniment ta' qafas adattat li jikkontribwixxi għall-miri tal-UE għall-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jinvolvi l-allinjament tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima u b'hekk jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex jonqsu l-emissjonijiet;
  - b) il-forniment ta' qafas li jippreserva u jtejjeb is-suq intern tal-UE permezz tal-aġġornament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-istruttura tar-rati, u permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-użu ta' eżenzjonijiet u tnaqqis fiskali mill-Istati Membri; u

<sup>21</sup> Dokument ST 10872/21.

<sup>22</sup> Dokument ST 10849/21.

c) il-preservazzjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' dħul għall-baġits tal-Istati Membri.

38. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill (Ecofin) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposta tal-ETD<sup>23</sup>. Fis-6 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill (Ecofin) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni<sup>24</sup> dwar il-proposta tal-ETD u ta gwida politika dwar it-triq 'il quddiem. B'mod ġenerali, il-Ministri appoġġaw l-approċċ aktar flessibbli tal-Presidenza u talbu biex jinstabu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet pendenti. B'kont meħud tal-gwida politika, l-analiżi teknika kompliet matul l-ewwel semestru tal-2023 u ġie ppreżentat test ta' kompromess rivedut sħiħ.
39. Filwaqt li tibni fuq il-progress li sar mill-Presidenzi preċedenti, il-Presidenza Spanjola kompliet il-ħidma fuq ir-reviżjoni tal-ETD. Il-fajl ġie analizzat fid-WPTQ fis-6 ta' Lulju, it-18 ta' Settembru u t-8 ta' Novembru. Barra minn hekk, sar skambju ta' fehmiel fil-HLWP fl-4 ta' Ottubru u t-23 ta' Novembru. Il-Presidenza ppreżentat noti ta' informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi u abbozzar alternattiv possibbli għal ċerti artikoli. Il-kwistjonijiet pendenti ġew analizzati, filwaqt li l-enfasi kienet fuq il-kwistjonijiet li ġejjin: il-livelli minimi ta' tassazzjoni, b'mod partikolari r-rati tat-taxxa fi tmiem il-perjodu tranżitorju (l-1 ta' Jannar 2033) u t-trattament speċjali tal-gass naturali u l-LPG; indiċjar tal-livelli minimi ta' tassazzjoni; valuri kalorifiċi netti; definizzjoni ta' titjiriet kummerċjali; it-tassazzjoni fuq l-injam; l-interazzjoni bejn l-ETD futura u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat; u prodotti mħallta.
40. Il-Presidenza rnexxielha tidentifika soluzzjonijiet ta' kompromess possibbli għal xi wħud mis-suġġetti diskussi. Madankollu, il-pożizzjonijiet fost id-delegazzjonijiet għadhom diverġenti fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet kruċjali. Għalhekk, hija meħtieġa aktar ħidma sabiex jintlaħaq kompromess ibbilanċjat.

---

<sup>23</sup> Dokument ST 9874/22.

<sup>24</sup> Dokument ST 14736/22.

### 3) **Kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni**

a) Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC 8)

41. Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC 8)<sup>25</sup>.

42. L-objettivi ewlenin ta' din il-proposta leġislattiva kienu dawn li ġejjin:

a) L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni skont id-DAC għal informazzjoni li ser ikollha tiġi rrapportata mill-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi dwar tranżazzjonijiet (trasferiment jew skambju) ta' kriptoassi u flus elettroniċi. L-espansjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva għal dan il-qasam ġdid għandha l-għan li tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi maħluqa mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. Id-dispożizzjonijiet tad-DAC 8 dwar il-proċeduri ta' diliġenza dovuta, ir-rekwiżiti ta' rappurtar u regoli oħra applikabbli għar-rappurtar tal-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi ser jirriflettu l-Qafas għar-Rappurtar tal-Kriptoassi ("CARF") u sett ta' emendi għall-Istandard Komuni ta' Rappurtar ("CRS"), li tħejjew mill-OECD skont il-mandat tal-G20<sup>26</sup>. Il-G20 approva l-CARF u l-emendi għas-CRS, li t-tnejn li huma jqishom bħala elementi addizzjonali integrali għall-istandards dinjija għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni<sup>27</sup>.

b) L-estensjoni tal-kamp tal-applikazzjoni tar-regoli attwali dwar l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għat-taxxa billi jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' deċizzjonijiet antiċipati transfruntiera li jikkonċernaw individwi b'valur nett għoli, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar dividendi mhux ta' kustodja u dħul simili, sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-evazzjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa, peress li d-dispożizzjonijiet attwali tad-DAC ma jkoprox dan it-tip ta' introjtu;

<sup>25</sup> Dok. ST 15829/22 + ADD1 – ADD5.

<sup>26</sup> <https://www.oecd.org/tax/exchange-of-tax-information/crypto-asset-reporting-framework-and-amendments-to-the-common-reporting-standard.pdf>

<sup>27</sup> Dikjarazzjoni tal-Mexxejja, G20 Bali, 15-16 ta' Novembru 2022, punt 31. ([https://www.g20.org/content/dam/gtwenty/gtwenty\\_new/about\\_g20/previous-summit-documents/2022-bali/G20%20Bali%20Leaders%27%20Declaration,%2015-16%20November%202022.pdf](https://www.g20.org/content/dam/gtwenty/gtwenty_new/about_g20/previous-summit-documents/2022-bali/G20%20Bali%20Leaders%27%20Declaration,%2015-16%20November%202022.pdf))

- c) l-emendar ta' għadd ta' dispożizzjonijiet eżistenti oħra tad-DAC. B'mod partikolari, il-proposta tipprova ttejjeb ir-regoli dwar ir-rappurtar u l-komunikazzjoni tan-Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT), sabiex tiffaċilita l-kompitu tal-awtoritajiet tat-taxxa li jidentifikaw il-kontribwenti rilevanti u jivvalutaw b'mod korrett it-taxxi relatati, u temenda d-dispożizzjonijiet tad-DAC dwar il-penali li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri fuq persuni għan-nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' rappurtar adottati skont id-DAC.
43. Wara l-ħidma preparatorja, kif miġbura fil-qosor fid-dokument ST 13210/23, u l-ħruġ mill-Parlament Ewropew tal-opinjoni tiegħu, fis-17 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni<sup>28</sup>.
- b) Skambju awtomatiku ta' informazzjoni rilevanti għat-taxxa ma' ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE
44. Matul it-terminu tal-Presidenza Spanjola, komplew id-diskussjonijiet u x-xogħol tekniku fir-rigward tas-sitwazzjoni attwali, ir-riskji u l-opportunitajiet fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa ma' ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE, li jkopru b'mod partikolari aspetti relatati mal-qafas tal-protezzjoni tad-data personali u l-korrelazzjoni tiegħu mal-ħidma dwar il-kooperazzjoni amministrattiva internazzjonali.
45. Din il-ħidma ser tkompli u ser tibni wkoll fuq id-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet li saru matul il-Presidenzi preċedenti<sup>29</sup>. L-għan huwa li jiġi żgurat il-funzjonament kontinwu tas-sistema ta' skambju internazzjonali ta' informazzjoni ma' ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE, li hija meħtieġa għal raġunijiet importanti ta' interess pubbliku.

---

<sup>28</sup> ĠU L, 2023/2226, 24.10.2023, p. 1.

<sup>29</sup> Ara d-dok. 10710/23, il-punti 31-32, id-dok. 15506/22, il-punti 46-48; Dokument 9970/21, il-punti 81 - 82; Dokument 14651/21, il-punti 50 - 59.

c) Ftehimiet tal-UE ma' Andorra, il-Liechtenstein, Monaco, San Marino u l-Iżvizzera

46. Il-Presidenza bdiet diskussjoni fid-WPTQ (Livell Għoli) dwar emendi possibbli tal-ftehimiet dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali li l-UE kkonkludiet ma' Andorra, il-Liechtenstein, Monaco, San Marino u l-Iżvizzera (fil-forma ta' Protokolli Emendatorji għall-ftehimiet preċedenti)<sup>30</sup>.
47. Id-delegazzjonijiet ġew aġġornati dwar il-kuntatti informali li l-Kummissjoni kellha mal-amministrazzjonijiet ta' dawk il-ħames pajjiżi bl-objettiv li jiġi esplorat il-kamp ta' applikazzjoni ta' emenda possibbli ta' dawn il-ftehimiet, li primarjament tikkonsisti fl-allinjament meħtieġ mal-bidliet li saru fl-Istandard Komuni ta' Rappurtar tal-OECD u aġġustamenti relatati oħra.
48. Il-Kummissjoni indikat li l-awtoritajiet ta' Andorra, il-Liechtenstein, Monaco, San Marino u l-Iżvizzera esprimew interess għall-aġġornament tal-ftehimiet mal-UE, u li l-Istati Membri tal-UE jibbenefikaw minn tali ftehimiet aġġornati fis-seħħ.
49. Bħala l-ewwel pass, il-Presidenza qieset li huwa xieraq li titlob lill-HLWP jekk id-delegazzjonijiet iqisux li huwa fl-interess tagħhom (u dak tal-UE) li jiġu emendati l-ħames ftehimiet, u jekk kienx hemm hteġa li jkomplu jiġu segwiti kuntatti informali biex jiġi speċifikat aktar il-kamp ta' applikazzjoni possibbli tal-emendi. Jekk il-kuntatti informali jkomplu, huwa mifhum li l-Kummissjoni ser taġġorna regolarment lill-Istati Membri, permezz tad-WPTQ, dwar il-kwistjoni.
50. Ladarba l-fażi informali tal-"ambitu" li s-servizzi tal-Kummissjoni jkunu wettqu titqies bħala konklużiva, imbagħad ikun meħtieġ li jitnieda l-proċess formali li jwassal għall-ftuħ ta' negozjati (u konsultazzjonijiet formali) f'isem l-UE, kif xieraq.

---

<sup>30</sup> ĠU L 268, 1.10.2016, p. 40–76; ĠU L 225, 19.8.2016, p. 3–40; ĠU L 339, 24.12.2015, p. 3–35; ĠU L 346, 31.12.2015, p. 3–41; ĠU L 339, 24.12.2015, p. 3–35.

51. F'konformità mar-rekwiżiti tat-Trattat dwar l-UE (b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) u (6) TUE), hija l-prerogattiva tal-Kunsill li jwettaq it-tfassil tal-politika, li jelabora l-azzjoni esterna tal-Unjoni u li jiżgura li dik l-azzjoni tkun konsistenti. Skont l-Artikolu 218(2) TFUE, huwa l-Kunsill li jawtorizza l-ftuħ tan-negozjati, jadotta direttivi ta' negozjati, jawtorizza l-iffirmar ta' ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi u jikkonkludihom.
52. Skont l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, li għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u li tinnomina, skont is-suġġett tal-ftehim previst, in-negozjatur tal-Unjoni jew il-kap tat-tim tan-negozjati tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza direttivi lin-negozjatur u jista' jaħtar kumitat speċjali (pereżempju d-WPTQ), in-negozjati għandhom isiru f' konsultazzjoni ma' dan il-kumitat. Jeħtieġ ġiġi nnotat li l-Kunsill irid għalhekk ikun f'pożizzjoni li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar il-kwistjoni u, f'każ li jkollu riżervi dwar it-taħditiet, jikkomunika dan lill-Kummissjoni.
53. Ta' min ifakkar li fl-2013 il-Protokoll Emendatorji ġew innegozjati mill-Kummissjoni abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal tali Ftehimiet, bid-direttivi ta' negozjar (mandat), li ġiet adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Mejju 2013 (u abbażi tal-Artikoli 218 u 115 TFUE)<sup>31</sup>.
54. Fil-laqgħa tad-WPTQ (Livell Għoli) tal-4 ta' Ottubru 2023, id-delegazzjonijiet kollha qablu li huwa fl-interess tal-UE li taħdem biex temenda l-ftehimiet eżistenti mal-ħames pajjiżi, u li l-"ambitu" informali li s-servizzi tal-Kummissjoni wettqu ma' dawn il-pajjiżi jista', f'dan l-istadju, jitqies konklużiv. L-Istati Membri għandhom jinżammu infurmati dwar kwalunkwe żvilupp ulterjuri, kif xieraq.
55. Id-delegazzjonijiet qablu wkoll li l-proċess ta' konsultazzjonijiet formali skont dawn il-ftehimiet jitnieda darba biss (u biss jekk) il-Kunsill jadotta Deċiżjoni skont l-Artikolu 218 TFUE li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' dawn il-ħames pajjiżi dwar il-kwistjoni.

---

<sup>31</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjati jidhru fid-dokument ST 9356/13 RESTREINT UE/EU RESTRICTED; ara wkoll il-minuti tal-Kunsill fid-dokument ST 9506/13.

d) Kooperazzjoni amministrattiva ma' pajjiż mhux tal-UE fil-qasam tal-VAT

- *Pożizzjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT*

56. Fl-4 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra<sup>32</sup>.

57. Filwaqt li fil-Kunsill attwalment il-korp preparatorju kompetenti dwar kwistjonijiet relatati mar-Renju Unit huwa l-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit, id-WPTQ ġie kkonsultat dwar din il-proposta, u ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni.

58. Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni inkwistjoni fis-16 ta' Ottubru 2023 (ĠU L, 2023/2408, 31.10.2023).

- *Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT*

59. F'Ottubru, il-Kummissjoni aġġornat lid-delegazzjonijiet dwar in-negozjati mal-awtoritajiet tan-Norveġja biex jiġi emendat il-ftehim dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT, u kkonsultathom dwar l-abbozz ta' emendi għall-ftehim.

60. Peress li maġġoranza wiesgħa ħafna tad-delegazzjonijiet setgħu jaqblu mal-abbozz ta' emendi, il-Presidenza kkonkludiet li l-pass li jmiss kien li tistenna l-proposti tal-Kummissjoni għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehimiet skont l-Artikolu 218 TFUE.

61. Fl-24 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ħarġet il-proposti tagħha<sup>33</sup>.

---

<sup>32</sup> Id-dokument ST 12523/23 + ADD 1.

<sup>33</sup> Id-dokument

- *Kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT ma' pajjiżi oħra*

62. Fil-laqgħa tal-HLWP tal-4 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni infurmat lid-delegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali tal-kuntatti esploratorji li saru mal-awtoritajiet tal-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, u New Zealand, fir-rigward ta' possibbiltajiet għal aktar ħidma lejn kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT. Il-Kummissjoni aġġornat ukoll lid-delegazzjonijiet dwar negozjati mal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fid-dawl tal-konklużjoni ta' Memorandum ta' Qbil mhux vinkolanti (qafas futur possibbli ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-UE u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fil-qasam tal-VAT)<sup>34</sup>. Il-Kummissjoni indikat li dawn in-negozjati għadhom sospiżi.

### **C. KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA DWAR IT-TAXXA (attivitajiet mhux leġiżlattivi)**

63. Ħidma importanti fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-politika dwar it-taxxa (lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tat-taxxa) mxiet 'il quddiem, kif jidher hawn taħt. Fid-dawl tal-ħidma li għaddejjja u dik futura fil-qasam tat-tassazzjoni fil-livell internazzjonali, jista' jkun hemm każijiet fejn l-Istati Membri jqisu l-kwistjoni ta' jekk hux fl-interess tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jikkontribwixxu għal din il-ħidma u li jstabbilixxu, jikkoordinaw u jirrappreżentaw pożizzjonijiet politiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Għalhekk, fil-laqgħa tal-Attachés Fiskali tat-13 ta' Novembru 2023, id-delegazzjonijiet ġew infurmati dwar ir-regoli prinċipali li japplikaw u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti meta tiġi stabbilita pożizzjoni fil-Kunsill u jiġu kkoordinati l-pożizzjonijiet politiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni fil-livell internazzjonali. Din il-ħidma għandha tkun ibbażata strettament fuq il-kompetenzi skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati u trid tirrifletti l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u l-unità tar-rappreżentanza internazzjonali tal-UE u l-Istati Membri tagħha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

---

<sup>34</sup> FI-10 ta' Marzu 2021 il-Kunsill approva, b'għadd ta' osservazzjonijiet (Dokument CM 1978/21 LIMITE, b'aktar dettalji jinsabu fid-dokument ST 6351/21 LIMITE) li l-Kummissjoni tidħol f'negozjati mal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fid-dawl tal-konklużjoni ta' Memorandum ta' Qbil mhux vinkolanti.

**1) Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi)**

64. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) iltaqa' fit-3 ta' Lulju, fit-3 ta' Ottubru u fit-22 ta' Novembru 2023.
65. Ir-reviżjoni biannwali tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ġiet approvata mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2023 u ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fit-23 ta' Ottubru 2023<sup>35</sup>.
66. Rapport aktar estensiv jinsab fir-rapport biannwali ddedikat tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta<sup>36</sup>.

**2) Riżoluzzjoni tan-NU dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti**

67. Fit-30 ta' Diċembru 2022, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat formalment Riżoluzzjoni dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa (Riżoluzzjoni 77/244). Bir-riżoluzzjoni, il-Membri tan-NU talbu lis-Segretarju Ġenerali tan-NU biex iħejji rapport (għad-diskussjoni fit-78 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Settembru 2023) li janalizza l-istrumenti legali internazzjonali rilevanti kollha, dokumenti u rakkomandazzjonijiet oħra li jindirizzaw il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ l-arranġamenti internazzjonali u multilaterali eżistenti. Għal dan l-għan, is-Segretarju Ġenerali nieda konsultazzjoni fi Frar 2023.
68. Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kunsillieri/Attachés Fiskali appoġġaw is-sottomissjoni ta' kontribuzzjoni tal-UE. Wara dan l-appoġġ, fil-15 ta' Marzu 2023 ġie ċċirkolat u approvat abbozz ta' kontribut mill-HLWP permezz ta' proċedura ta' silenzju informali. Il-kontribut ġie sussegwentement iffirmit mill-President tal-HLWP u ppreżentat lis-Segretarjat tan-NU b'mod konġunt mid-delegazzjonijiet tal-UE u tal-Iżvezja<sup>37</sup>.

---

<sup>35</sup> ĠU C/2023/437, 23.10.2023.

<sup>36</sup> Dokument ST 15757/23.

<sup>37</sup> Dokument ST 7564/23.

69. Matul id-diskussjoni fl-HLWP tal-25 ta' April 2023 id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għall-koordinazzjoni, kif rilevanti, ta' pożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni internazzjonali dwar it-taxxa mill-Istati membri tal-UE li għandha tiġi trazzmessa fil-fora tan-NU, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol. L-HLWP ġie inkarigat ikompli jissorvelja l-iżviluppi.
70. Ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fit-tassazzjoni ġie ppubblikat fit-8 ta' Awwissu 2023<sup>38</sup>. Ir-rapport jipprovdi analiżi tal-arranġamenti eżistenti fil-kooperazzjoni internazzjonali fit-tassazzjoni u jesplora diversi għażliet għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali fit-tassazzjoni.
71. Fil-15 ta' Settembru 2023, l-Attachés/Kunsillieri Fiskali kkunsidraw abbozz għal pożizzjoni fisem l-UE u l-Istati Membri tagħha dwar il-kooperazzjoni fiskali fin-Nazzjonijiet Uniti li tirrifletti l-konklużjonijiet tar-rapport. Il-pożizzjoni ġiet approvata mill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2023<sup>39</sup>.
72. Fl-HLWP tat-23 ta' Novembru 2023 il-Prezidenza u l-Kummissjoni rrapportaw dwar il-progress fin-negozjati fit-Tieni Kumitat tal-Assemblea Ġenerali fit-tmienja u sebgħin sessjoni tiegħu dwar abbozz ta' riżoluzzjoni.

### **3) L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**

73. Fil-kuntest tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bil-parteċipazzjoni tal-Belarussja, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa eżamina għadd ta' miżuri li l-Istati Membri jistgħu jsegwu biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE u jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom permezz ta' strumenti ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa.
74. L-ewwel nett, l-Istati Membri qablu dwar il-ħtieġa li jwaqqfu l-iskambji kollha ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa mal-Federazzjoni Russa u l-Belarussja. It-tieni, l-Istati Membri tal-UE eżaminaw għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-użu tal-kooperazzjoni amministrattiva fl-UE u strumenti oħra fil-qasam tat-taxxa fil-kuntest tal-infurzar tal-miżuri restrittivi.

---

<sup>38</sup> <https://financing.desa.un.org/document/promotion-inclusive-and-effective-international-tax-cooperation-united-nations-a78235>

<sup>39</sup> Dokument ST 12967/23

75. F'dan il-kuntest, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa ser ikompli jeżamina l-iżviluppi ulterjuri rigward dawn il-miżuri, inkluż il-ħidma li qed issir fuq il-pjattaforma temporanja maħluqa mill-Kummissjoni fit-3 ta' Ġunju 2022 fil-forma ta' sottogrupp tat-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" dwar l-infurzar tat-taxxa.
76. Fil-laqgħa tal-HLWP tat-23 ta' Novembru 2023, id-delegazzjonijiet ħadu nota tal-aġġornament ipprovdut mill-Kummissjoni dwar il-ħidma ta' dan is-sottogrupp.

#### 4) **Żviluppi internazzjonali**

77. L-HLWP kien infurmat regolarment bl-iżviluppi internazzjonali rilevanti fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-laqgħat tal-Ministri għall-Finanzi tal-G20 u l-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS.
78. Kwistjonijiet relatati mal-Att tal-Istati Uniti dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) tressqu regolarment għall-attenzjoni tad-delegazzjonijiet fil-laqgħat tal-HLWP. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-hekk imsejħa Amerikani aċċidentali, fi tmiem l-2022, is-Servizz tad-Dħul Intern tal-Istati Uniti ħareġ avviż li temporanjament jillaxxa r-regoli biex persuni jiġu ddeterminati bħala mhux konformi minħabba NIT neqsin għas-snin 2022, 2023 u 2024. F'Jannar 2023, dan l-iżvilupp ingiebb għall-attenzjoni tal-HLWP. F'April 2023, il-membri tal-HLWP enfasizzaw li hija meħtieġa soluzzjoni permanenti u usa' biex jiġi evitat li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji fl-UE jiġu ttrattati bħala mhux konformi minħabba NIT neqsin f'każijiet fejn ma jkunx possibbli għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji li jiġbru NIT. F'Lulju 2023, fl-HLWP id-delegazzjonijiet issuġġerew li tintbagħat ittra lill-Istati Uniti, li tteġġeg lill-Istati Uniti jipprovdu soluzzjoni aktar permanenti b'kamp ta' applikazzjoni usa' malajr kemm jista' jkun. B'konsegwenza ta' dan, f'Settembru 2023, il-Presidenza Spanjola baġtet ittra lill-Istati Uniti fisem l-HLWP. F'Ottubru, l-HLWP ġie infurmat dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-FATCA. F'Novembru, l-HLWP ġie infurmat dwar il-laqgħa li saret bejn il-Presidenza Spanjola u t-Teżor tal-Istati Uniti fit-13 ta' Novembru.

**5) Taxxa f'oqsma mhux tat-taxxa (TINTA)**

79. Fid-19 ta' Novembru 2013, l-HLWP qabel li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa fid-dossiers mhux relatati mat-taxxa li jwasslu għal kwalunkwe bidla fil-liġijiet tat-taxxa jew fil-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri jew li jkollhom konsegwenzi oħrajn fuq it-tassazzjoni, għandhom jaqgħu taħt "mekkaniżmu ta' twissija informali". L-approċċ sistematiku li dawn il-każijiet jitpoġġew għall-attenzjoni tal-esperti tat-taxxa, bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali, kompla jiżgura li l-Istati Membri jingħataw twissija f'waqtha, inkluż fir-rigward ta' negozjati ta' ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi. Il-kwistjonijiet li ġew immonitorjati mill-HLWP jinkludu r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali, il-pożizzjoni tal-UE li għandha tittieħed fl-10 CoP tal-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

**6) Abbozz ta' Konvenzjoni Multilaterali dwar il-Kunsill Internazzjonali għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Taxxa**

80. Fl-10 ta' Marzu 2023, abbozz ta' Konvenzjoni Multilaterali dwar il-Kunsill Internazzjonali għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Taxxa ġie ppreżentat minn grupp tal-proġett Fiscalis, li jagħmel użu mill-possibbiltà ta' Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim ta' natura permanenti li hija ffaċilitata fl-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/1852 dwar mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa. Fit-23 ta' Novembru 2023, l-HLWP ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali ta' din il-kwistjoni.